# IL-PROĊESSJONI

*Ta'* VAL. V. BARBARA O.P.

I

Illum il-festa. Fuq l-imwieġ ta' l-ajru
Ixxerrdet mill-kampnar kakofonija.
It-tfal qatgħu fin-nofs il-logħ'b, u ttajru
Bi staten u spellizzi għas-sagristija.

Il-proċessjoni ħarġet. L-abbatini
Tnejn tnejn quddiem, b'pass tqil li mhuwiex tagħhom:
Bħal ġemgħa għajjiena ta' ftit kerubini
Qed jiġbdu l-karru t'Alla l-ġenna magħhom.

U x'naf minn moħħom kemm dehriet maħruba
Ta' għawm u blalen jiġru geġwiġija,
Waqt li għajnejhom, b'ħarsa kollha rtuba,
Iduru lejn kull naħa tal-mogħdija.

Tfal huma, kollox jilmħu u jimla jiemhom,
Barra s-salib li hemm merfugħ quddiemhom.

II

Ix-xemx tal-għada ħeddlet sa t-tbissima
Fl-uċuħ għażżiena. Il-knisja, ilbieraħ żgħira,
Illum daqs pjazza. Il-festa ġa qadima.
B'dankollu l-proċessjoni għadha sejra.

U fiha għadhom miexja t-tfal li rebħu
Illum, minkejja fihom, kull irtuba;
Iżd'issa jħaffu l-pass, għax raw u ntebħu
Kemm saret fuqhom ħars't in-nies maqluba.

U jgħaġġlu...jgħaġġlu... Tobba u avukati,
Ħaddiema, qassisin, xi monsinjuri:
Mexjin fi triq li ħadd ma jaf fejn tagħti,
Fil-proċessjoni t-twila tad-duluri.

Fuq ħaġa waħda biss twaħħlu għajnejhom:
Fuq is-salib li llum jgħawweġ spallejhom.

4. 8. 1965